**MINUTI LAQGHA NUMRU 59**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

It-Tlieta, 28 ta' Frar, 2023.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum it-Tlieta, 28 ta' Frar, 2023, fl-16:42 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Karl Buttigieg Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak Cassar Mejlak – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Lorne Cremona - Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 59.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

59.1.1 Il-Kunsillier Karl Buttigieg avża li ser jittardja biex jasal minħabba raġunijiet ta' xogħol u għalhekk ser ikun skużat għall-bidu ta' din il-laqgħa.

## 59.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti;

59.2.1 Il-minuti ta' laqgħa numru 58 ġew iċċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Saru xi korrezzjonijiet imbgħad ġew approvati unanimament.

## 59.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

59.3.1 Is-Sindku qal li saru xi ħsarat mill-maltemp li ħakem il-gżejjer fix-xahar ta' Frar. Diversi ħitan sejjieħ waqgħu u l-ħaddiema tal-Kunsill qed jagħamluwhom mill-ġdid. Fi



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

triq tal-Grejgel infetaħ ħajt li jissapportja t-triq, dan ġie tranġat mill-Ministeru għal Għawdex. Fi Triq l-Imġarr inqalgħet biċċsa *tarmac* li ssewwiet temporanjament. Tqaċċat fanal fil-Pjazza, imma dawn għandhom ħafna żmien u waslu kollha għall-bidla. Is-Sindku qal li mill-ewwel stimi jidher li aktarx se jkun hemm bzonn tender għal dawn il-fanali. Il-Kunsilliera qablu ma dan. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg ssuġġerixxa li naraw li l-fanali li jintazlu jkollhom *parts* komuni u disponibbli u dan biex jiġu evitati problemi aktar il-quddiem.

59.3.2 Is-Sindku semma li l-baħar tella' ħafna *debris* fil-bajja ta' Hondoq. Mal-ewwel ċans dawn ser jitneħħew mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex. Bħal ma jsir kull sena, dawn il-ħaddiema ser iwittu l-blat u jirranġaw ir-railings.

59.3.3 Is-Sindku rrapporta li qed isir tindif regolari fir-raħal. L-iskart li jinġabar qed jinġema kull jum mit-truck u jitpoġġa quddiem Kunsill u jinġabar dak inhar stess mill-taqsima tal-*cleansing* tal-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku qal li rċieva kummenti pożittivi fuq l-indafa tal-*public convenience* ta' Triq 28 ta' April, u radd ħajr lil ħaddiema s-SaGużeppa Spiteri għal dan.

59.3.4 Is-Sindku qal li l-fanali għaz-zona tal-*Belvedere* waslu qed nistennew li jitwaħħlu. Il-fanali għal Pjazza Mikiel Buttigieg għalissa mhux se jsiru minħabba li qed isir zvilupp fil-viċin u hemm periklu li jewkk jitwaħħlu issa, dawn jitkissru. Is-Sindku staqsa jkunx il-każ li jinbidel l-arloġġ li hemm fi Pjazza Mikiel Buttigieg. Il-Kunsilliera qablu ma dan.

59.3.5 Is-Sindku ssuġġerixxa li jinbidel it-tapit ta' sigurta' li hemm fuq il-Belvedere jinbidel? Il-Kunsilliera qablu ma dan.

59.3.6 Is-Sindku ppreżenta stimi għal 3 bankijiet ġodda għaz-zona tal-parkeġġ fejn il-Belvedere. Il-Kunsilliera qablu il tiġi aċċettata l-istima ta' Urban Furniture.

59.3.7 Is-Sindku qal li kien qed jintefa' xi skart f'Hondoq. Is-Sindku tkellem ma min kien qed jitfa' dan l-iskart u suppost issa dan -iż-żibel qed jitpoġġa fil-ħin biex jinġabar mit-truck taż-żibel. It-tabella li kien hemm dwar biex ma jintefax skart inqalgħet ukoll; l-istess kif kien qed jiġri mat-tabella tal-*give way*. Is-Sindku qal li ż-żmien taħ raġun ghax minn meta waħħal arblu tal-Enemalta, ma sarx aktar vandaliżmu ma din it-tabella.

59.3.8 Is-Sindku qal li waslulu rapporti dwar persuna li allegatament qed tarmi l-urina fit-triq. Il-Pulizija jafu bil-każ imma sa issa għadhom ma rnexxielomx jikkuntattjaw lil din il-persuna.

59.3.9 Is-Sindku semma li hemm problema ta' saħħa ta' dawl fiz-zona tal-Kunċizzjoni. Bħalissa qed isir tiftix biex jiġi identifikat sit adatt għal *sub station*.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

59.3.10 Is-Sindku tkellem dwar żewġ arbli tal-Enemalta fi Triq Grunju li, wara li tranġat it-Triq, issa jinsabu 'il barra u huma ta' periklu għat-traffiku. L-engineer tal-Enemalta hu tal-parir li dawn jiddaħħlu 'il ġewwa. Il-Kunsilliera qablu ma dan is-suġġeriment.

59.3.11 Is-Sindku Paul Buttigieg qal li l-Water Services Corporation WSC lestew id-*drawings* kollha għal Triq 28 ta' April. Ser ikunu qed jinbidlu s-servizzi kollha. Dan il-proġett ser ikun iffinanzjat mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ministeru tal-Enerġija.

59.3.12 Is-Sindku semma li saret laqgħa l-Ministeru ta' Għawdex, fejn ġie indkikat lilu li l-Ministeru ħa jkun qed jiffinanzja *water culvert* u l-gandott ġdid għal *high tension cables*. Jekk il-Ministeru jdumu ma japprovaw il-fondi, is-Sindku staqsa lil Kunsilliera dawn jitħallsux mill-fondi tal-Kunsill? Il-Kunsilliera qablu ma dan. L-Ing Mizzi u l-Enemalta diġa lestew d-drawings għal high tension. Ser tkun qiegħda ssir applikazjoni lill-*Urban Improvement Fund* (UIF) għal bankini fi Triq 28 ta' April.

59.3.13 Is-Sindku qal li l-Ministeru għal Għawdex ser ikunu qed joħorġu tender huma għal Triq l-Indipendenza.

59.3.14 Is-Sindku ta' aġġornament dwar ix-xogħlijiet li qed isiru fil-librerija. Il-*main desk* ġie ordnat. Radd ħajr lis-Sa Elisabeth Ebejer tal-interess kbir biex tara li din il-librerija titlesta. Is-Sa Ebejer offriet li tixtri kotba hi peress li hi librara u jkollha discounts apposta. Il-Kunsilliera qablu li jinxtraw kotba ġodda għall-librerija skond il-ħtieġa.

59.3.15 Is-Sindku qal li l-istores tal-Kunsill ġew organizzati aħjar. Sar xogħol fil-*kitchenette*; inxtraw *fridge, microwave*, u *dispenser* tal-ilma.

59.3.16 Is-Sindku qal li l-*barriers* tal-Kunsill ġew miżbugħa u bħalissa qed jistennew li jinbidlulhom is-saqajn.

59.3.17 Is-Sindku semma li ġiet imnedija skema mill-Ministeru Enerġija bl-isem "*Green Projects*". L-aħħar data li fiha setgħu jiġu sottomessi applikazzjonijiet huwa llum. Il-Kunsill tal-Qala tefa' żewġ applikazzjonijiet. Is-Sindku rrimarka li din l-iskema kienet miftuħa għal żmien qasir wisq. Irrimarka wkoll li bejn din l-iskema u oħrajn tal-Ministeru għal Għawdex, bħalissa l-Kunsill tal-Qala talbiet b'valur ta' €2.5 miljun.

59.3.18 B'referenza għal svilupp li qed isir fiz-zona tal-Marġa jidher li l-bini tlesta. Is-Sindku fakkar il-ħidma li saret mill-Kunsill biex jigu mħarsa l-interessi tal-Qalin biex hekk il-miġra tal-ilma ma ġietx affetwata bħal ma ġara irħula oħra. Dwar dan il-kaz speċifiku, saru ħafna studji.

59.3.19 Is-Sindku semma li s-seduta fil-Qorti dwar l-appell ta' Hondoq ġiet trasferita għal Marzu għax il-PA għadom qed iħejju r-rapport tagħhom. Is-Sindku radd ħajr lil Dr Claire Bonello li inavolat it-tweġiba f'isem il-Kunsill fiż-żmien mitlub, u dan minkejja li kienet ma tiflaħx.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

59.3.20 Dejjem fir-rigward ta' Hondoq is-Sindku għarraf lil Kunsilliera li l-Kunsill irċieva ittra bil-Qorti indirizzata lil Kunsill u lil Ministeru għal Għawdex biex jitneħħew it-toilets, showers, *reserved parking* u *trailer* tad-*deckchairs*. Dr Claire Bonello se tkun qiegħda tibgħat tweġiba.

59.3.21 Is-Sindku Paul Buttigieg għarraf lil Kunsilliera li saret laqgħa fil-Ministeru għal Għawdex mas-Sindki Għawdxin li għandhom bajjiet "blue flag" fil-lokalitajiet tagħhom. F'din il-laqgħa ġiet diskussa l-possibilta' li jsiru *bye laws*.

59.3.22 Dwar il-problema tal-bagħal taż-żunzan; is-Sindku informa li n-nassi ħa jitwaħħlu fiż-żmien adattat.

59.3.23. Is-Sindku radd ħajr lil Qalin li kkontribwew għal ġbir ta' ħwejjeġ u bżonnijiet essenzjali għal vittmi tat-terremot li ħakem it-Turkija u Sirja, u dan minkejja li l-ġbir sar fi ġranet ta' maltemp.

59.3.24 Is-Sindku semma li ser issir attivita' ta' għana bl-isem "Għannej għannej" fi Pjazza San Ġużepp nhar il-Hadd 12 ta' Marzu bejn il-11:30am u s-1:30pm.

59.3.25 Dwar l-applikazzjoni għal Farm tat-Tonn, is-Sindku Paul Buttigieg qal li bħala Kunsill ma smajna xejn aktar. Is-Sindku kkummenta li ma dan kollu l-media irrappurtaw u ħadu nota tar-rapport ta' Profs Deidun.

59.3.26 Is-Sindku Paul Buttigieg semma li hu qiegħed jagħmel *follow up* mal-BCRS dwar l-installazzjoni ta' *Reverse Vending Machine* fir-raħal tal-Qala. L-aħħar li rċieva mingħand il-BCRS kienet email nhar l-4 ta' Frar.

59.3.27 Dwar it-trinka li saret bla permess fiz-zona ta' Kassja, is-Sindku ssuġġerixxa li tinħareġ ordni biex il-kuntrattur ma jingħatx aktar permessi qabel ma jirranġa fejn fetaħ it-trinka. Il-Kunsilliera qablu ma dan.

59.3.28 Dwar il-korsijiet tal-FITA, is-Sindku qal li għaddielhom il-ġranet ta meta s-sala tkun disponibbli imma sa issa għadu ma rċieva xejn mingħandhom.

59.3.29 Is-Sindku ssuġġerixxa li ż-żewġ qsari li hemm fuq iz-zuntier tal-Kappella tal-Kunċizzjoni, u l-qsari li tpoġġew temporanjament fi Ġnien il-Familja jitpoġġew fi Triq Grunju. Il-Kunsilliera qablu li fi Triq Grunju jitpoġġew erbgħat iqsari.

59.3.30 Bwar il-petizzjoni għal servizz aħjar tal-buses, is-Sindku qal li n-nies qed jiffirmaw. Il-Kunsilliera qablu li nistennew ftit ieħor qabel ma l-firem jiġu sottomessi. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak issuġġeriet li jsir avviz dwar din il-petizzjoni fuq bulletin u avviżi tal-Knisja. Il-Kunsilliera qablu ma dan, u wkoll li l-*posts* dwar dan is-suġġett jerġgħu jigu *re-shared* fuq il-media soċjali.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

59.3.31 Is-Sindku qal li Triq Dun Anton Sultana suppost kollox sew min-naħa tal-Kumitat tal-ismijiet tat-toroq; u l-plakka ser tiġi ordnata dalwaqt.

59.3.32 Is-Sindku Paul Buttigieg qal li l-grada tal-ħadid li kienet intremiet fiz-zona taċ-Ċawl tneħħiet u ttieħdet il-Wasteserv.

59.3.33 Dwar il-qasab li hemm fit-triq lejn Hondoq, is-Sindku qal li ser jitqabbad ħaddiem biċ-*Cherry Picker* aktar 'il quddiem meta joqrob is-sajf.

59.3.34 Is-Sindku qal li bħalissa qed jitqabbad ħaddiem biex idur u jżomm ir-*roundabouts* nodfa. L-ELC intemmilhom il-kuntratt u l-Kumpannija ġdida għadom anqas biss wieġbu lura għall-emails mill-Kunsill.

59.3.35 Fuq nota personali, is-Sindku esprima l-gratitudni tiegħu lejn ir-*Rotary Club of Gozo* li għoġbu jagħtih il-*Pride of Gozo Award*.

59.3.36 Dwar il-QIFF, jidher li sa issa hemm grupp barrani wieħed li esprima interess biex jieħu sehem. Bħalissa l-Kunsill qed nfitxu gruppi barranin oħrajn.

59.3.37 Is-Sindku qal li fis-17 ta' Frar sar il-Karnival tal-Qala, li kienet attivita' sabiħa. Hu radd ħajr lill-iskrivani għal ħidma tagħhom biex organizzaw din l-attivita'.

59.3.38 Fir-rigward tal-attivita' b'rabta mal-ġemellaġġ li l-Kunsill għandu ma Canale Monterano, ġie kkonfermat li f'April 45 ruħ ser ikunu qed jivjaġġaw lejn l-Italja. L-Arċipriet ser ikun qed jattendi wkoll.

59.3.39 Is-Sindku Paul Buttigieg qal li l-Kunsill irċieva invit mis-Sindku ta' Salina biex 15 il-persuna jitilgħu il-gżejjer Eolie għal żjara b'rabta mal-ġemellaġġ li hemm bejn iż-żewġ lokalitajiet bejn is-16 u t-22 ta' Mejju.

59.3.40 Is-Sindku ta' rendikont tax-xogħol li qed isir madwar iċ-Ċentru Ċiviku. Il-Kunsilliera qablu li jitqabbad il-fotografu Daniel Cilia biex jipprovdi sett ritratti għall-intrata tal-uffiċini tal-Kunsill.

*Il-Kunsillier Karl Buttigieg daħal għal laqgħa fil-5:30pm.*

## 59.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

59.4.1 Il-Kunsillier Karl Buttigieg talab biex il-Kunsill imexxi l-pots ta' Pjazza Isqof M Buttigieg. Is-Sindku qal li kif nkunu fil-venja bil-forklifter[1] dan ix-xogħol ser issir.

---

[1] Ara Minuta numru 59.3.29



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

59.4.2 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet għal aġġornament fuq is-solar poles. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta żewġ stimi. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak sostniet li għandna mmexxu mal-istima oriġinali; iżda l-bqija tal-Kunsilliera qablu li mmorru għall-irħas *option.* Fuq proposta tal-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak; il-Kunsill qablu li, jekk għal xi raġuni jew oħra l-prodott ma jkunx tajjeb jew jinstab difettuż, f'dan il-każ is-solar pole jinbidel u mmorru l-*option* l-iktar expensive hekk kif oriġinarjament ppjanat.

59.4.3 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ssuġġeriet biex, la nżebħu l-barriers, ikun sewwa tinżebaħ il-katina wkoll. Is-Sindku qal li ser ikun qed jipprova jkejjilhom waħda waħda u jara jsirilhomx *powder coating* għax biż-żebgħa normali qiegħda titqaxxar mall-ewwel.

59.4.4 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li maġemb tal-Knisja fuq in-naħa tal-lemin hemm ħadida mitfugħa kerha. Nies jidħlu minn dik in-naħa tal-Knisja. Ġie suġġerit li jkun avviċinat Fr Michael Said dwar dan.

59.4.5 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet dwar għandniex nippreparaw xi rigali biex jingħataw meta tielejn Canale Monterano f'April? Il-Kunsill qabel li tieħu ħsieb ir-rigali l-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak.

59.4.6 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tixtieq li l-Kunsill jinvesti f'tinda daqs ta' kamra biex fiha issir promozzjoni għal qari. Esprimiet ix-xewqa li tintuża l-ewwel darba għal world book day. Il-Kunsilliera qablu dwar dan.

59.4.7 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai għamel talba għal double yellow line fi Triq Papa Piju XII. Sar ħafna żvilupp f'din it-triq f'dawn l-aħħar snin u dan qed joħloq diffikulta' lir-residenti xħin jiġu biex joħorġu l-vetturi tagħhom mill-garaxx. Il-Kunsill qabel ma dan.

59.4.8 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai ppreżenta talba biex il-bus stop "Gafan" li hemm fi Triq il-Wileġ, tiċċaqlaq b'100m fid-direzzjoni tal-Wileġ Restaurant. Il-Kunsill qabel ma dan.

59.4.9 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai talab biex timtela ħofra fi Triq Anton Buttigieg. Is-Sindku qal li din ser ssir.

59.4.10 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai għarraf lil Kunsill li l-WIFI ta' Ħondoq tranġa (dak li hemm in-naħa ta' Bibi), imma reġa mar. Ha jkunu qed jerġgħu jibgħatu lil kuntrattur.

59.4.11 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li dwar WIFI tal-Kappella tal-Blat, hu daħal jara, jidher li hemm ħsara u mhux jixgħel. Is-Sindku qal li ser tkun qiegħda ssir talbamal-Ministeru biex jibgħatu *technician.* Is-Sindku ppropona u Kunsilliera qablu li nagħmlu ftehim mal-Parroċċa biex il-Kunsill jagħti kontribut għad-dawl tal-Kappella tal-Madonna tal-Blat.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

59.4.12 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa jistgħux jinbidlu l-bozoz u l-globi fis-*central strip* fi Triq Patri Ġużepp Portelli. Is-Sindku qal li f'dik is-*central strip* ħa jkun qed jinbidel kollox.

59.4.13 Il-Kunsillier Karl Buttigieg tkellem dwar iz-*zebra crossing* u *traffic management* ta' quddiem iċ-Ċentru Ċiviku, u staqsa jekk hux ħa nistennew biex din il-ħidma ssir mal-proġett tal-funtana. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' aġġornament lil Kunsilliera dwar dan.

59.4.14 Il-Kunsillier Karl Buttigieg ssuġġerixxa li jsir reklamar għall-attivita' tal-*open day* tat-Trunciera. Il-Kunsill qabel ma dan.

59.4 15 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa kienx hemm żviluppi fuq l-AED ta' Hondoq, li bħalissa mhux jaħdem? Is-Sindku wieġeb li għad ma hemmx aħbarijiet ġodda dwar dan.

59.4.16 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet dwar kienx hemm żviluppi dwar it-triq ta' Hondoq. Segwiet diskussjoni dwar din it-triq. Intqal li t-*tender* għadu ma nħariġx mill-Ministeru. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li jekk ix-xogħol ma jsirx issa, żgur mhux ħa jsir fis-sajf meta jkun hemm aktar traffiku nieżel u tiela minn Hondoq.

## 59.5 Attivitajiet tal-Karnival - Evalwazzjoni

59.5.1 Din il-materja ġiet diskussa aktar kmieni f'din il-laqgħa[2]

## 59.6 Aġġornament fuq l-applikazzjoni għal *Community Greening Grant*

59.6.1 Din il-materja ġiet diskussa aktar kmieni f'din il-laqgħa[3]

## 59.7 Aġġornament fuq Triq 28 ta' April

59.7.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-Kunsilliera li l-perjodu tal-appell issa għalaq u l-pass li jmis hu li jiġi ffirmat il-Kuntratt mal-Kumpannija li rebħet it-*tender*.

---

[2] Ara minuta numru 59.3.37
[3] Ara minuta numru 59.3.17



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 59.8 Aġġornament fuq EUISM, Ġemelleġġ Canale Monterano 2023 u Ġemellaġġ Salina 2023

59.8.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li rċievejna l-*go ahead* biex nippublikaw ir-rapport finali fuq is-sit tagħna u li issa l-pass li jmiss hu li nirċievu l-bilanċ li għadu pendent mill-Kummissjoni Ewropea.

59.8.2 Is-safriet ġewwa Canale Monterano u Salina diġa' ġew trattati aktar kmieni f'din il-laqgħa.[4]

## 59.9 Xogħol ta' manutenzjoni fiz-zona tal-Belvedere u inħawi oħra.

59.9.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsill li saret talba lill-ARMS għal meter temporanju tad-dawl, biex jgħin fix-xogħol ta' tiswijiet li ser isiru fuq il-Belvedere fil-futur qarib.

## 59.10 Materji Amministrattivi

59.10.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera li saru kuntatti mal-kumpannija tal-awditjar biex tibda l-ħidma fuq l-audit għas-sena finanzjarja 2021.

59.10.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li qiegħda ssir ħidma flimkien mal-accountant fuq l-unaudited accounts għas-sena 2022. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv avża li malli dawn ikunu lesti ser tissejjaħ laqgħa urġenti biex jiġu diskussi u ppreżentati lid-dipartiment mill-aktar fis.

59.10.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li qigħda tinħass ħtieġa li jinxtara printer għall-uffiċju tas-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsilliera qablu ma dan.

59.10.4 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv tkellem dwar kif fis-sentjn li ilu jservi fil-Qala, il-*workload* żdied konsiderevolment. Hu tal-opinjoni li ma hemmx xogħol biżżejjed biex jitqabbad skrivan ieħor, imma jista' jkun il-każ li l-iskrivana preżenti jkollhom bżonn jaħdmu xi *overtime*. Il-Kunsilliera qablu ma dan.

---

[4] Ara minuti numru 59.3.38 u 59.3.39



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 59.9 Korrispondenzi

59.9.1 Ittra mis-Sur Stephen Attard li għaddielna kopja ta' l-Innu lil Għawdex.

59.9.2 Email mingħand is-Sur Marlon Buttigieg, dwar sqaq fi Triq Wied Simar. Din l-email ġiet imwieġba mis-Segretarja tal-Kunsill.

59.9.3 Email mingħand is-Sur Josef Gatt f'isem id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Cirkulari Emendi fir-Regolamenti tal-ikklampjar.

59.9.4 Ittra uffiċjali mill-Qorti dwar it-toilet li jinsab Hondoq[5].

59.9.5 Email mingħand is-Sur Michael Angelo Muscat dwar talba għal kollaborazzjoni biex jittella' kunċert fil-Knisja tal-Qala. Il-Kunsill iddeċieda li ma tiġix aċċettata din it-talba.

59.9.6 Ġiet diskussa ħsara kkawżata mill-maltemp li saret ma faċċata ta' dar fi Triq il-Wardija. Il-Kunsill qabel li tintalab stima tal-ħsarat.

59.9.7 Ġiet ppreżentata korrispondenzi bejn is-Sindku u l-kumpannija BCRS dwar talba biex tiġi nstallata *Reverse Vending Machine* fil-Qala.

59.9.8 Talba mingħand Otters AFC dwar l-ippulbikar ta' ktieb fl-okkażjoni tal-aninversarju mit-twaqqif ta' din l-għaqda.

59.9.9 Korrispondenza mingħand l-Assoċċazjoni tal-Kunsilli Lokali dwar ittra li rċievew mingħand l-Enemalta fuq *fuse boxes* mhux konformi mal-i*standards*.

59.9.10 Talba mingħand l-Assoċċazjoni tal-Kunsilli Lokali biex jintfew binjiet pubbliċi għal siegħa bejn it-8:30pm u d-9:30pm ta' nhar il-15 ta' Marzu fl-okkażjoni tal-Earth Hour 2023. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

## 59.10 Materji oħrajn u Mozzjonijiet

59.11.1 Ġiet mgħoddija l-iskeda tal-pagamenti numru 02/2023. Il-Kunsilliera approvaw unanimament din l-iskeda.

## 59.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

[5] Ara minuta numru 59.3.20



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

59.11.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fis-6:42pm. Intlaħaq qbil li fuq *tentative date* għal laqgħa li jmiss biex issir nhar it-Tnejn, 27 ta' Marzu 2023, fl-4:30pm.

Paul Buttigieg
Sindku

Lorne Cremona
Aġent Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt